# DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

## tat-8 ta' Lulju 2014

## dwar it-tħassir tal-isem ta' mħallef ad interim fit-Tribunal għas-Servizz Pubbliku tal-Unjoni Ewropea mil-lista stabbilita bid-Deċiżjoni 2013/181/UE

(2014/444/UE, Euratom)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 257 tiegħu,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, u b'mod partikolari l-Artikolu 106a(1) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-Protokoll dwar l-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari t-tieni subparagrafu tal-Artikolu 62c, tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament (UE, Euratom) Nru 979/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar l-Imħallfin ad interim tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku tal-Unjoni Ewropea [1], u b'mod partikolari l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 4 tiegħu,

Billi:

(1) Permezz ta' ittra datata s-7 ta' Marzu 2014, is-Sur Haris TAGARAS irriżenja mill-funzjonijiet tiegħu bħala mħallef ad interim fit-Tribunal għas-Servizz Pubbliku tal-Unjoni Ewropea (minn hawn 'il quddiem it-"Tribunal għas-Servizz Pubbliku").

(2) Ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 979/2012 jipprevedi li isem imħallef ad interim għandu jitħassar mil-lista ta' mħallfin ad interim f'każ ta' riżenja.

(3) Għalhekk jeħtieġ li tiġi adottata deċiżjoni li twassal għat-tħassir tal-isem tas-Sur Haris TAGARAS mil-lista ta' mħallfin ad interim fit-Tribunal għas-Servizz Pubbliku stabbilita bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/181/UE [2],

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

L-isem tas-Sur Haris TAGARAS, ex imħallef fit-Tribunal għas-Servizz Pubbliku, huwa mħassar mil-lista ta' mħallfin ad interim fit-Tribunal għas-Servizz Pubbliku stabbilita bl-Artikolu 1 tad-Deċiżjoni 2013/181/UE.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum ta' wara l-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, it-8 ta' Lulju 2014.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

P. C. PADOAN

---

[1] ĠU L 303, 31.10.2012, p. 83.

[2] Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/181/UE tat-22 ta' April 2013li tistabbilixxi lista ta' tliet Imħallfin ad interim tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku (ĠU L 111, 23.4.2013, p. 49).